

# Kif tinxtered ir-reżistenza għall-antibijotiċi?

Ir-reżistenza għall-antibijotiċi hija l-ħila tal-batterji li jiġġieldu l-azzjoni ta' antibiotiku wieħed jew aktar. Il-bnedmin u l-annimali ma jsirux reżistenti għall-kura b'antibijotiċi, iżda batterji li jinġarru minn bnedmin u annimali jistgħu.

1 **L-annimali** jistgħu jkunu ġew ikkurati b'antibijotiċi u għaldaqstant jistgħu jkunu qed iġorru batterji reżistenti għall-antibijotiċi. 2 **Il-ħaxix** jista' jkun ġie kkontaminat b'batterji reżistenti għall-antibijotiċi minn demel tal-annimali użati bħala fertilizzant. 3 **Batterji reżistenti għall-antibijotiċi** jistgħu jinxterdu għall-bnedmin permezz ta' **ikel** u kuntatt dirett mal-annimali.



4 Xi kultant, il-bnedmin jirċievu antibiotiċi preskritti sabiex jikkuraw **infezzjonijiet**. Madankollu, il-batterji jiżviluppaw reżistenza għall-antibijotiċi bħala **reazzjoni naturali, adattiva**. Batterji reżistenti għall-antibijotiċi jistgħu mbagħad **jinxterdu** mill-pazjent ikkurat għal persuni oħrajn.

Fil-komunità

5 **Bnedmin** jistgħu jirċievu antibiotiċi fi **sptarijiet** u mbagħad iġorru l-batterji reżistenti għall-antibijotiċi. Dawn jistgħu jinxterdu għal pazienti oħrajn permezz ta' **idejn maħmuġin** jew permezz ta' **oġġetti kkontaminati**. 6 Il-pazienti li jistgħu jkunu qegħdin iġorru batterji reżistenti għall-antibijotiċi fl-aħħar mill-aħħar jintbagħtu **d-dar** u jistgħu jxerrdu dawn il-batterji reżistenti lil **persuni oħrajn**.

F'ambjenti ta' kura tas-saħħa

7 **Vjaġġaturi** li jkunu jeħtieġu kura l-isptar filwaqt li jkunu qed iżuru pajjiż bi prevalenza għolja ta' reżistenza tal-antibijotiċi jistgħu **jirritornaw** b'batterji reżistenti għall-antibijotiċi. 8 Anki jekk ma jkunux f'kuntatt mal-kura tas-saħħa, il-vjaġġaturi jistgħu **jġorru u jimportaw** batterji reżistenti akkwistati mill-ikel jew mill-ambjent matul il-vjaġġ.

Lura minn vjaġġ

